MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 339/2002/1

**Video-On-Line Limited**

**vs**

**Ian Giles**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejjhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf hames mija u hamsa u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM1,535.75,0) rappresentanti bilanc dovut in konnessjoni ma’ servizz ta’ Internet prestat lill-konvenut skond kuntratt datat 22 ta’ Ottubru 1999 (Dok.A);

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra bonarja u tal-ittra ufficjali datata 23 ta’ Ottubru tas-sena 2001 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata t-3 ta’ Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari, parti ta’ l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili [Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta];

3. Illi fil-meritu u kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz, is-socjeta’ attrici prestat il-maggor parti tas-servizzi ta’ l-Internet lis-socjeta’ Page Technology Limited, liema socjeta’ kienet, bil-kunsens ta’ l-istess socjeta’ attrici, assumiet ukoll, tramiet novazzjoni, kwalunkwe ammont pendenti li seta’ kien hemm fuq il-kont in ezami biex b’hekk il-konvenut m’ghandu jaghti ebda somma flus lis-socjeta’ attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetitkament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici "Video On Line" u s-socjeta' "Global Services Limited" ikkonkludew ftehim kummercjali datata it-22 t'Ottubru ta' l-1999, (ara fol 2);

2. Illi dan il-ftehim kien jikkoncerna l-konnessjoni ta' infrastruttura elettronika hemm riferita;

3. Illi l-persuna teknika responsabbli indikata ghal dan ix-xoghol fl-istess ftehim f'isem is-socjeta' "Global Services Limited" hu l-konvenut Ian Giles, (ara fol 3);

4. Illi ai termini tal-klawsola 9 ta' l-istess ftehim hu prekluz li dan ikun assenjat lil-terzi minghajr il-kunsens skritt u preventiv tal-parti l-ohra ta' l-istess ftehim, (ara fol 3);

5. Illi l-pagamenti dovuti jibdew jithallsu a bazi ta' ricevuti rateali kull xahar bil-quddiem u l-persuna fizika u naturali nominata biex tagixxi f'isem is-socjeta' "Global Services Limited" kien l-istess konvenut Ian Giles (ara fol 4);

6. Illi jidher ovvju li l-ftehim in dizamina hu esklussivament bejn iz-zewg socjetajiet fuq indikati u dan jirrizulta anke mill-firem attestati fil-ftehim de quo, (ara fol 5);

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Ian Giles hi proprju s-segwenti:

"Illi preliminarjament il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju";

Illi in effetti jirrizulta li l-ftehim konkluz mis-socjeta' attrici kien wiehed konkluz mas-socjeta' "Global Services Limited";

Illi l-konvenut Ian Giles jirrizulta li mhux parti mill-ftehim de quo hlief bhala l-punt ta' kuntatt ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Global Services Limited";

Illi l-istess konvenut ma jirrizultax li kkonkluda xi ftehim mas-socjeta' attrici u dan nonostante l-asserzjoni tieghu kontenuta fid-deposizzjoni tat-18 t'Ottubru tas-sena 2002 fejn sostna hu stess is-segwenti:

i. "The agreement …..dated October, 1999, was entered by myself";

ii. "Global Services was never registered as a Company in the first place";

Ikkunsidrat:

Illi l-impressjonijiet li l-istess konvenut jista' jkollu rigward in-natura tal-ftehim meritu ta' din il-procedura u dawk rigwardanti r-registrazzjoni o meno tas-socjeta' involuta huma ghal kollox irrilevanti;

Illi l-meritu ta' din il-vertenza preliminari jiddependi esklussivament mill-ftehim in dizamina fejn l-indikazzjonijiet hemm moghtija huma cari, skjetti u insindakabbli;

Illi sa kemm ma jigix ippruvat mod iehor bil-konsegwenza li jkun ghalhekk necessarju investigazzjoni profond ta' natura kriminali, ir-relazzjoni ezistenti naxxenti mill-ftehim de quo hi wahda cara u univoka li teskludi ghal kollox il-htiega li jinghajjat il-konvenut odjern biex iwiegeb ghad-domandi kontenuti fl-avviz in dizamina;

Illi ghaldaqstant ir-relazzjoni naxxenti mill-ftehim de quo hi biss dik bejn is-socjetajiet hemm firmatarji;

Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut jipprova l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li l-konvenut Ian Giles mhux il-legittimu kontradittur tordna li l-istess konvenut ikun liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez;

Illi in vista wkoll tas-suespost tiddikjara li mhux opportun tidhol fil-kumplament ta' l-eccezzjonijiet sollevati u fit-talbiet attrici u konsegwentement tastjeni minnhom."

Is-socjeta` attrici tobbjetta kontra din is-sentenza bi kritika bazata kemm fuq konsiderazzjoni ta' fatt kif ukoll fuq konsiderazzjoni ta' dritt. Hi tissottometti illi l-ewwel Qorti zbaljat meta laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat illi hu ma kienx il-legittimu kontradittur.

Dan l-aggravju huwa fondamentalment sostenibbli u s-sentenza appellata hi ghal kollox zbaljata. Din tippekka proprju in kwantu ma gharrfetx tiddistingwi illi r-relazzjoni reali ma kienetx dik bejn is-socjeta` appellanti u s-socjeta` Global Services Limited. Dan l-izball jidher imbaghad manifestament accentwat billi fil-parti konsiderattiva tas-sentenza l-istess Qorti tirrikonoxxi, fuq l-affermazzjoni tal-konvenut innifsu, illi l-imsemmija socjeta` Global Services Limited "was never registered as a company in the first place". Fatt dan li allura kien jeskludi ghal kollox illi din is-socjeta` qatt setghet tidhol f'negozju guridiku meta lanqas biss kienet registrata.

Issa huwa ndiskuss illi direttur f'socjeta` huwa meqjus bhala mandatarju tas-socjeta` fir-relazzjonijiet nterni ma' dik is-socjeta` filwaqt li huwa kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta' dik is-socjeta` fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi persuni. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "**Dottor Anthony H. Farrugia noe –vs- Vernie Carbone noe et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001.

Dan pero` jirresupponi l-ezistenza tas-socjeta` ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Fil-kaz de quo s-socjeta` Global Services Limited qatt ma ezistiet. Li jfisser, kif gustament gie rilevat mis-socjeta` appellanti, illi ghal kaz jiskatta l-

provvediment ta’ l-Artikolu 78 ta’ l-Att XXV ta’ l-1995 (Kap 386). Artikolu dan li appuntu jipprovdi testwalment hekk:-

“Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jaghmlu ftehim taht isem jew ghan-nom ta’ kumpanija li dwarha ma jkunx inhareg certifikat ta’ registrazzjoni taht dan l-Att, jew qabel id-data murija fic-certifikat tar-registrazzjoni bhala d-data li fiha dik il-kumpanija ghandha tibda ssehh, ikunu, sakemm ma jkunx miftiehem xort’ohra, personalment u solidalment responsabbli dwar terzi ghall-atti maghmula taht dak l-isem”.

In vista tal-premess kull kumment ulterjuri jkun superfluwu. Tibbasta pero` din is-senjalazzjoni mehuda mis-sentenza fl-ismijiet “**Joseph Dingli nomine -vs- Baruni Giovanni Ercole Testaferrata-Abela noe**”, Appell Kummercjali, 15 ta’ April 1966:-

“Ir-responsabilita` ma taqax fuq l-appellat personalment ghax hu ghamel l-ordinazzjoni lill-appellant f’ismu; izda ghaliex, waqt li kien u ikkwalifika ruhu bhala direttur ta’ socjeta`, hu ikkuntratta mal-appellant nonostante illi l-formalita` necessarja tal-pubblikazzjoni kienet ghadha ma saretx. … … L-appellat hu responsabbli bhala direttur ta’ socjeta` li kienet irregolari billi ma kienux ghad gew osservati l-formalitajiet preskritti mil-ligi; dan hu kaz krejat mil-ligi ta’ rapprezentanza b’responsabilita` personali”.

Fic-cirkostanzi rizultanti f’dan il-kaz l-azzjoni giet sewwa impostata kontra l-konvenut personalment u ghalhekk l-aggravju jimmerita li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-appell kif devolut lilha u b’hekk tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu akkoljiet l-ewwel eccezzjoni u cahdet it-talba tas-socjeta` appellanti kif diretta kontra l-appellat personalment. Tirrimetti l-process lura lill-ewwel Qorti biex hemm jigu konsidrati u decizi l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut fil-kwadru tal-provi u l-atti processwali.

L-ispejjez gudizzjarji ta’ dan l-appell jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------